MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 277/2009

Kawza fil-lista: 28

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta' Awwissu 2007 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u minn liema zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi l-kunsens ta' l-intimata ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali

taghhom, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini ta’ l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi l-kunsens ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg da parti ta’ l-intimata u dan ai termini ta’ l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi l-intimata, ghalkemm ma kienetx interdetta jew marida b’ mohhha, ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini ta’ l-artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi r-rikorrenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta’ l-artikolu 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant, r-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kkull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimata huwa null u bla effett fil-ligi.

2. Tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Rat li l-konvenuta, debitament ingunta, ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg civili tieghu kkuntrattat mal-konvenuta fis-6 ta’ Awissu 2007 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [h], u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-Sirja fis-6 ta’ Awissu 2007, meta allura, l-attur, cittadin Sirjan, kellu 25 sena u l-konvenuta, cittadina Maltija, kellha 19-il sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien hmistax-il gurnata. Wara ftit jiem, huma sseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta li l-partijiet saru jafu lil xulxin elettronikament circa sitt xhur qabel iz-zwieg, u dan permezz tac-chatting. Jidher li l-interess f’ xulxin kiber b’ tal mod li l-konvenuta accettat li titla’ s-Sirja biex tiltaqa’ ma’ l-attur personalment.

Fis-Sirja l-partijiet damu circa hmistax li fihom iddecidew li jizzewwgu, minhabba li l-kultura ta’ l-attur ma kienitx tippermetti li jinnamraw qabel ma jizzewwgu. Il-konvenuta accettat, u l-partijiet izzewwgu fis-Sirja fid-data fuq indikata. Wara li hareg ic-certifikat taz-zwieg, il-partijiet nizlu Malta biex jikkonvivu fil-hajja konjugali hawnhekk.

Wara ftit li waslu Malta, u bdew jghixu flimkien irrealizzaw li kienu ghamlu zball, u mill-bidu nett bdew jargumentaw. L-attur jilmenta mill-fatt li l-konvenuta, allura martu, kienet tilbes qasir u kienet tghix hajja ta’ sfrattu. Jghid li l-konvenuta “ma kienitx il-mara li jiena verament izzewwigt.”

Dan kien fonti ta’ hafna nkwiet bejniethom, bir-rizultat li wara ftit jiem taz-zwieg huwa telaq mid-dar konjugali.

Illi eventwalment il-pulizija skopriet li l-attur kien qed jghix separat minn martu, u ghalhekk iddeportatu lura lejn pajjizu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi Qorti f' dan il-kaz tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li mill-provi jirrizulta car li dawn ma fehemux u ma gharrfux l-import tal-hajja konjugali, senjatament dik tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni t-trobbija tat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici, ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg, hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li z-zwieg kkuntrattat bejn iz-zewg partijiet fis-6 ta' Awissu 2007 huwa null u bla effett fil-ligi.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------